# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

# MINUTI

## SEDUTA NRU 265 – It-Tnejn 27 ta'  Mejju 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera s-Sinj. Mariette Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

**ASSENTI SKUŻAT**
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsillier Mario Cachia fejn talab li jkun skużat billi kien indispost. Is-Sindku ippropona li din it-talba tintlaqa'. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 264  ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Triq il-Għid**
Wara li l-Kunsill sema' l-proposti u s-suġġerimenti tal-pubbliku preżenti, is-Sindku ippropona li ssir it-talba ma' Transport Malta biex  Triq Papa Pawlu VI (minn Triq Santa Margerita sa Triq l-Għid) issir *one way* u ma jkunx hemm aċċess min-naħa ta'

Triq Santa Margerita. Il-Viċi-Sindku Dr Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill unanimament irriżolva favur.

**2.2 Ċaqliq ta' *Bring-in sites***

Is-Sindku qal li wara għamel il-verifiki meħtieġa huwa kien qiegħed jipproponi biex dawn il-*bring-in-sites* jiċċaqalqu minn Triq l-Imwieġel għal żona speċifika fi Triq Dun Ġużepp Delia.

Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.3 Tmexxija taz-*zebra crossing* fi Triq San Nikola**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li tkellem mas-sur Eusebio Buhagiar tas-Siggiewi Festival Brass Band kien iċċarat li t-talba ma kinitx għat-tmexxija taż-*Zebra* Crossing imma tal-*Belisha Light.* Għalhekk din tinvolvi bidla minuri. Is-Sindku ippropona li għandna nagħmlu din il-bidla. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4. KUNTRATTI

***4.1 LCS 14/10 Pavements Concrete Method***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kien se jiskadi fl-14 t'Ottubru li ġej. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt ma jiġġedidx u minfloku jinħareġ kuntratt ieħor li permezz tiegħu ikun jista' jsir ammont sostanzjali ta' bankini u jitħallsu fuq perjodu ta' 5 snin simili għal mod kif saret il-*Private Partnership Scheme.*

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jħejji s-sejħa għall-offerti flimkien mal-Perit tal-Kunsill u tiġi deċiża fis-seduta li jmiss.

***4.2 LCS 20/10 Supply & Maintenance of Traffic Signs***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fis-seduta nru. 252 tat-13 ta' Settembru dan il-kuntratt ġie mġedded għat-tielet sena tiegħu, bi żvista din ma ddaħlitx fil-minuti. Is-Sindku ippropona li din tkun innotata f'dawn il-minuti. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.3** ***LCS 29/09 Collection of Mixed Household Waste***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kien se jiskadi fl-aħħar ta' Settembru 2013. Is-Sindku ippropona li għandha tinħareġ is-sejħa għall-offerti.
Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4** ***LCS 34/12 Patching Works***

Is-Sindku qal li wara li fis-Seduta 261 kien ġie deċiż li ssir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill qabel tkun tista' issir l-għażla, u wara li saret din il-konsultazzjoni, jidher ċar li l-offerta ta' *Urban Services Ltd.,* hija l-aktar waħda vantaġġjuża, kien qed jipproponi li l-Kunsill jaċċetta din l-offerta.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

**5.1** **Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien ikkuntattjat mill-Perit Ray Farrugia, id-Direttur Ġenerali tal-*Works Division.* Hu infurmahom li b'mod immedjat kienu se jibdew ix-xogħlijiet ta' lqugħ bi xbieki fin-naħa tal-għerienta' Għar Lapsi. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa fuq il-post u ntalbu li jingħalaq l-aċċess fil-parti bir-ramel ta' Lapsi Park kif ukoll fil-bajja n-naħa tal-għerien.

Huwa għalhekk is-Sindku stieden għas-seduta lill-Perit Adrian Mifsud biex ifisser ir-rapport ta' studju li sar dwar il-blat ta' Għar Lapsi u x'miżuri kienu se jittieħdu.

Is-Sindku qal li fil-mezzi tax-xandir setgħet ingħatat l-impressjoni li kienu se jsiru wkoll interventi fil-parti msejħa "Ta' Għereq Miżgħun". Il-Perit Mifsud qal li l-interventi se jsiru biss in-naħa tal-għerien. Dwar "Ta' Miżgħun" il-materja hija kompletament differenti minħabba n-natura tal-blat u minħabba wkoll li l-interventi huma ħafna akbar u jridu jsiru aktar studji.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill joħroġ stqarrija li tgħid.

*"Il-Kunsill Lokali jilqa b'sodisfazzjon l-aħbar li se jingħata bidu għal xogħol ta' konservazzjoni fil-bajja ta' Għar Lapsi.*

*Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien ilu għal dawn l-aħħar snin f'diskussjonijiet u ħidma mal-Gvern biex tinstab soluzzjoni immedjata għall-periklu għall-pubbliku li jżur il-bajja ta' Għar Lapsi. Dan il-periklu huwa riżultat ta' detorjarazzjoni fil-blat tal-bajja li wassal biex jaqa' ammont ta' blat fil-partijiet tal-bajja li hija aċċessibbli għall-pubbliku.*

*Għalhekk wara xhur ta' studji li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Publiċi għamel bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, l-istess Dipartiment wasal għall-konklużjoni dwar x'interventi jistgħu jsiru bil-għan li l-bajja ta' Għar Lapsi tkun tista' titgawda mill-pubbliku matul is-Sajf 2013. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jawgura wkoll li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkompli bil-ħidma biex tinstab soluzzjoni għall-periklu li jeżisti fil-parti tal-bajja ta' Għar Lapsi magħrufa bħala Ta' Miżgħun.*

*Il-Kunsill Lokali tas-Siggiewi jirringrazzja lill-Gvern Ċentrali li qed ikompli bil-pjan u l-ħidma tal-Gvern preċedenti biex isiru l-interventi meħtieġa fil-bajja ta' Għar Lapsi. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jawgura aktar kooperazzjoni fil-futur għall-ġid tal-komunità tas-Siġġiewi u l-pubbliku in ġenerali."*

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**5.2 Estensjoni ta' simenta f'Għar Lapsi**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li numru ta' xhur ilu kien talab li ssir estensjoni ta' simenta man-niżla lejn Għereq Miżun, bl-iskop li jkun hemm aktar wisa' għad-dgħajjes kif ukoll il-ħofra eżisenti li hija mimlija skart timtela' u b'hekk is-sit jissebbaħ. Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li xi uffiċjali tal-MEPA li kienu żaru s-sit kienu indikaw li jekk issir applikazzjoni din tkun ikkunsidrata. Madankollu kien hemm diversi persuni li għamlu petizzjoni kontra din l-estensjoni. U l-applikazzjoni kienet baqgħet ma saritx. Is-sur Cassar insista li l-applikazzjoni għandha ssir.

Is-Sindku qal li qabel issir din l-applikazzjoni kien se jeżamina din il-materja.

**5.3 Bankina fi Sqaq nru 1 Triq il-Parroċċa**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien avviċinat minn resident biex ikun hemm estensjoni ta' bankina quddiem il-propjetà tiegħu. Is-Sindku qal li billi b'din il-proposta kien se jintilef *parking bay*, kien se jeżamina l-proposta u tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**5.4 Parking Bay għall-muturi fi Triq Dun Anton Vella**

Il-Kunsilliera Mariette Borg ipproponiet biex *parking bay* fi Triq Dun Anton Vella tinbidel f'*parking bay* għall-muturi. Dan kienet qed tagħmlu fuq talba ta' diversi residenti tal-istess triq. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.5 Tindif tal-Bus Stops**

Il-Kunsilliera Mariette Borg ġibdet l-attenzjoni tan-nuqqas ta' indafa f'diversi *bus-stops*. Is-Sindku qal li l-kuntrattur għandu jkun infurmat b'dan l-ilment biex tittieħed azzjoni immedjata.

**5.6 Periklu fi Triq l-Imqabba**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti reġa' ilmenta dwar il-periklu li hemm fil-bidu ta' Triq l-Imqabba. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif kien miftiehem fil-Kunsill, huwa kien għamel talba formali lil Transport Malta biex tikkunsidra tagħmel *crash barrier.* Madankollu, minkejja diversi tentattivi qatt ma kien irċieva tweġiba.

Is-Sindku qal li t-talba għandha tiddaħħal fir-rapport li se jintbagħat lilll-Ministru Joe Mizzi.

**5.7 Il-Bandli f'Għar Lapsi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li saret spezzjoni mill-*Malta Standards Authority*, ġew innutati diversi nuqqasijiet f'dawn il-bandli, fosthom li jrid jinbena ċint u xatba bħala sigurtà, tneħħija ta' xi bandli kif ukoll bdil fl-istrutturi.

Meta saret it-talba mal-*Urban Investment Fund* għal bdil ta' xi bandli, it-tweġiba kienet li s-sit irid ikun konformi mal-i*standards* tal-MSA.

Is-Sindku ippropona li għandha titħejja stima tal-bżonnijiet neċessrji u terġa' ssir it-talba mill-ġdid lill-*Urban Investment Fund.* Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.8 It-tqassim tas-surplus mid-dħul tal-LES**

Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa ġenerali annwali tar-Reġjun saret proposta biex ikun hemm bdil fit-tqassim tas-*surplus* tad-dħul tat-*tickets* tal-Gwardjani Lokali. Il-proposta tgħid li 10 fil-mija tas-surplus jinqasam ugwalment bejn il-Kunsilli kollha tar-Reġjun, u 15 fil-mija jitqassam proporzjonalment skont it-*tickets* maħruġa. Huwa qal li bħala Kunsill għandna nibqgħu ninsistu li kemm il-proporzjon li jinqasam ugwalment kif ukoll dak li jitqassam skont l-ammont ta' *tickets* jogħlew.

**5.9 Ħsarat fil-Latrina tal-Pjazza**

Is-Sindku qal li kawża ta' inċident tat-traffiku, l-entratura tan-naħa tal-irġiel tal-latrina pubblika ġarrbet ħsarat konsiderevoli. Hu mistenni li dawn jitranġaw b'mod immedjat mill-individwu konċernat.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2013.**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 6/5/13-27/5/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ganaja | €4,091.75 | €4,091.75 | t | pf | civil works outdoor gym final balance | | | | | 7504 | |
| 2 | ganaja | €2,114.43 | €2,114.43 | t | pf | lighting outdoor gym final balance | | | | | 7504 | |
| 3 | arms | €129.56 | €129.56 | d | pf | dr n zammit 1/12/12-20/3/13 | 22/05/13 | 16842372 | | | 2130 | 2130 |
| 4 | arms | €85.43 | €85.43 | d | pf | gnien dr a fenech 1/12/12-30/3/13 | 22/05/13 | 16842371 | | | 2130 | 2130 |
| 5 | arms | €109.24 | €109.24 | d | pf | dun anton vella 1/12/12-20/3/13 | 22/05/13 | 16842374 | | | 2130 | 2130 |
| 6 | koperattiva tabelli u sinjali | €1,251.15 | €1,251.15 | t | pf | traffic signs | 07/05/13 | 17886 | | | 2313 | 2313 |
| 7 | koperattiva tabelli u sinjali | €74.10 | €74.10 | t | pf | traffic signs | 25/04/13 | 17887 | | | 2313 | 2313 |
| 8 | cookies | €22.10 | €22.10 | d | pf | coffee-expenses | 29/04/13 | 5805 | | | 2670 | 2670 |
| 9 | natasha mizzi | €534.00 | €534.00 | t | pf | cleaning council premises april13 | 17/05/13 | | | | 3055 | 3055 |
| 10 | avantech | €5.50 | €5.50 | d | pf | toner for photocopier | 01/05/13 | 164098 | | | 2620 | 2620 |
| 11 | wasteserv | €4,502.80 | €3,146.17 | t | pp | msw waste april13 | 16/05/13 | 35668 | | | 3040 | 3040 |
| 12 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | pf | 99762218 april13 | 15/05/13 | 3487573052013 | | | 2160 | 2160 |
| 13 | nvc | €24.20 | €24.20 | d | pf | operating materials | 01/05/13 | 5707 | | 55/13 | 2210 | 2210 |
| 14 | gmm | €824.76 | €824.76 | t | pf | accounting oct-dec12 | 14/05/13 | 78 | | | 2160 | 3160 |
| 15 | gmm | €472.00 | €472.00 | t | pf | prep management accounts 2012 | 14/05/13 | 79 | | | 2160 | 3160 |
| 16 | nvc | €309.28 | €309.28 | d | pf | operating materials mixghela | 14/05/13 | 5349 | | | 3374 | 3374 |
| 17 | nvc | €239.21 | €239.21 | d | pf | operating materials mixghela | 06/05/13 | 5703 | | | 3374 | 3374 |
| 18 | data protection | €23.29 | €23.29 | d | pf | fee 15/7/12-14/7/13 | 28/03/13 | 2488 | | | 2560 | 2560 |
| 19 | yellow pages | €62.30 | €62.30 | d | pf | advert yellow pages | 02/05/13 | 6284 | | | 2930 | 2930 |
| 20 | access point | €236.00 | €236.00 | d | pf | it virtual pack may13 | 06/05/13 | 3533 | | | 3110 | 3110 |
| | **Sub Total c/f** | **€15,203.80** | **€13,847.17** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,203.80** | **€13,847.17** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

**Data:** **6/5/13-27/5/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | go | €22.84 | €22.84 | d | pf | 21462946 april12 | 09/05/13 | 10106521 | | | 2160 | 2160 |
| 22 | go | €71.69 | €71.69 | d | pf | 21466000/21466036 april13 | 09/05/13 | 32354272 | | | 2160 | 2160 |
| 23 | go | €34.14 | €34.14 | d | pf | 21465799/21465805 april13 | 09/05/13 | 32354308 | | | 2160 | 2160 |
| 24 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl may13 | 09/05/13 | 32354238 | | | 2160 | 2160 |
| 25 | go | €56.20 | €56.20 | d | pf | 2468874 april13 | 09/05/13 | 32354238 | | | 2160 | 2160 |
| 26 | union print | €82.69 | €82.69 | d | pf | advert bye-laws | 30/04/13 | AI009099 | | | 2930 | 2930 |
| 27 | klikk | €59.00 | €59.00 | d | pf | pouch case | 15/04/13 | 7944 | | | 2620 | 2620 |
| 28 | ecopure | €12.74 | €12.74 | d | pf | water for dispenser | 23/05/13 | 544544 | | | 2670 | 2670 |
| 29 | p.bonello | €885.00 | €885.00 | d | pf | railing triq mm azzopardi/ta kandka | 20/05/13 | 30 | | | 2370 | 2370 |
| 30 | p.bonello | €420.00 | €420.00 | d | pf | repair swings dr n zammit | 21/05/13 | 27 | | | 2370 | 2370 |
| 31 | p.bonello | €50.00 | €50.00 | d | pf | 6 piece iron grid ferd. Hompesh | 20/05/13 | 28 | | | 2370 | 2370 |
| 32 | p.bonello | €130.00 | €130.00 | d | pf | repair bench st john sqr | 20/05/13 | 29 | | | 2370 | 2370 |
| 33 | banda san nikola | €300.00 | €300.00 | d | pf | marc u kiri siggijiet mixghela | 24/05/13 | 493 | | | 3374 | 3374 |
| 34 | pavi | €39.89 | €39.89 | d | pf | toileteries | 21/05/13 | 696052 | | | 2220 | 2220 |
| 35 | jl office supplies | €211.08 | €211.08 | d | pf | stationery | 21/05/13 | 16000059 | | 57/13 | 2620 | 2620 |
| 36 | n.baldacchino | €96.00 | €96.00 | d | pf | expenses petrol may13 | 25/05/13 | 41395 | | | 2760 | 2760 |
| 37 | d.grima | €80.00 | €80.00 | d | pf | expenses petrol may13 | 25/05/13 | 41395 | | | 2760 | 2760 |
| 38 | districts | €600.94 | €600.94 | d | pf | patching job 845 wied xkora/karlozzo | 22/05/13 | 2723 | | | 2310 | 2310 |
| 39 | districts | €514.51 | €514.51 | d | pf | patching job1059 san niklaw | 22/05/13 | 2723 | | | 2310 | 2310 |
| 40 | joe gatt | €865.59 | €865.59 | t | pf | supervisor of works may13 | 27/05/13 | 41365 | | | 3120 | 3120 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,567.25** | **€4,567.25** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€15,203.80** | **€13,847.17** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,771.05** | **€18,414.42** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Data:** **6/5/13-27/5/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | alabare community | €250.00 | €250.00 | d | pf | plan/prep/sessions siggiewi cc Screens | 30/04/13 | | | | 3331 | 3331 |
| 42 | sliema hotel | €120.00 | €120.00 | d | pf | accomodation screens project 28/5/13-31/5/13 | 26/05/13 | 31-13 | | | 3331 | 3331 |
| 43 | | | | | | | | | | | | |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€370.00** | **€370.00** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€370.00** | **€370.00** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier